MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2013

Numru. 574/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs**

**Mahmoud Hamd ta' 28 sena iben Khalil u Fahima imwieled Syria, fi 01/05/1985 detentur tal-karta tal-identia bin-numru 23289A. Residenti fi Flat 5, Sunrise Court, Triq il-Qrenpuc, Marsascala, Malta**

**Issam Hamd ta' 29 sena iben Khalil u Fahima imwieled Syria, fi 01/05/1985 detentur tal-karta tal-identia bin-numru 22460A. Residenti fi Flat 5, Sunrise Court, Triq il-Qrenpuc, Marsascala, Malta**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputati li gew akkuzati talli:

Fil-15 ta' Gunju 2013 u fix-xhur ta' wara u ta' qabel, f'Malta, ittentajtu li tghinu xi persuna/i biex jinzlu l-art, jew tittanta tinsel l-art f'Malta, jew li toqghod gewwa Malta, kontra id-dispozizzjonijiet ta' l-Att tal-Kap 217, jew lil xi persuni biex jinzlu l-art, jew jittantaw jinzlu l-art, jew li joqghodu gewwa, jew li jitilqu minn xi stat iehor bi ksru tal-Ligi dwr id-dhul, ir-residenza u l-hrug ta' dak l-istat, jew tahbi jew tghati kenn lil xi person li jkunu jafu, jew ikollha tassew ghax tahseb, li jkunu qeghdin f'Malta kontra id-dispozizzjonijiet ta; l-Artikolu 32(1) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 41 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputati liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputati inghataw zmien xieraq sabiex jirrikonsidraw l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputati l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputati hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghhom.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputati, izda fuq kollox ic-cirkostanzi umanitarji in partikolari ta' dan il-kaz.  Minn dak sottomess kemm mill-Prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza jirrizulta illi z-zewg imputati inqabdu x-xatt jistennew lil uliedhom jidhlu fuq dghajsa gejjin mis-Sirja.  Bhalissa s-sitwazzjoni fis-Sirja hija wahda inkwetanti ferm u l-Qorti tifhem dak li wassal lill-imputati ghal kummissjoni tar-reat li dwaru jinsabu akkuzati, tista' tifhem id-disperazzjoni li dawn it-tnejn min nies hassew u l-anzjeta sabiex jinghaqdu mal-familjari taghhom u jfittxu l-kenn f'pajjizna.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 41 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(a) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputati hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghhom izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta' Malta qed tillibera lil hatja bil-kundizzjoni li ma jikkommettur reat iehor fi zmien sentejn mil-lum. .

Il-Qorti qed twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberta taht kondizzjoni.

Finalment il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza flimkien mal-atti tintbghat lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------